MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2003

Numru. 57/2003

PULIZIJA
SPETTUR JEFFREY CILIA
VS
JEANFRED VELLA
NOEL GRECH
STEFANO CARUANA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Jeanfred Vella ta' 18 il-sena bin Edwin u Anna nee Frendo imwieled Pieta fit-3 ta' Novembru 1984, residenti 4, Sqaq 1, Triq San Mikiel Bormla u detentur tal-karta tal-identita numru 531184(M);
Noel Grech ta' 22 sena, bin Jacob u Carmen nee Brignone, imwieled Pieta fid-29 ta' Gunju 1980 u residenti 16, Triq Gulliermu Bormla u detentur tal-karta tal-identita numru 306280(M); u
Stefano Caruana ta' 22 sena, bin Louis u Antonia nee Caruana, imwieled Pieta fl-20 ta' Jannar 1981 u residenti

29, Flat 3, Triq San Mikiel Bormla u detentur tal-karta tal-identita numru 65981M
Talli nhar is-16 ta' Frar 2001 f'xi hin bejn l-10pm u l-11.30pm f'Wied il-Ghajn, ikkommettew serq ta' car stereo tal-ghamla Sonashi bin-numru serjali XM38431918 minn go vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni HAI 364, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin, uxorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Mario Cutajar.

Talli nhar is-17 ta' Frar 2001, f'xi hin bejn is-2.30am u l-4.30am f'Paceville, ikkommettew serq ta' car stereo tal-ghamla Clarion bin-numru serjali CL0290W0152350 u basket kontenenti xi hwejjeg minn go vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni FBM 053, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Josef Caruana.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe dak ta' serq tar-roti ta' vettura tal-ghamla Escort bin-numru tar-registrazzjoni DBC 912, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom, u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, hin, xorta tal-haga misruqa u valur li jeccedi l-mitt lira maltin izda mhux l-elf lira maltin ghad-detriment ta' Matthew Sciortino.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe dak ta' serq ta' roti ta' vettura tal-ghamla VW Polo bin-numru tar-registrazzjoni RVR 151, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidetanli u indipendenti mil-volonta taghhom, u li kieku sehh kien jkun ikkwalifikat bil-mezz, hin, xorta tal-haga misruqa u valur li jeccedi l-mitt lira maltin (Lm100) izda mhux l-elf lira maltin ghad-detriment ta' Jason Attard.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor,

mobbli jew immobbli, liema hsara jeccedi l-hamsin lira maltin izda mhux il-hames mitt lira maltin ghad-detriment ta’ Josef Caruana.

Talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi xjentement b’kull mod li jkun, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indahhlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-verbal tas-27 ta’ Frar 2003 fejn l-imputat Vella ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali fil-konfront ta’ Jeanfred Vella taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat Vella.

Rat il-verbal tal-21 t’April 2003 fejn .l-imputat Vella ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tal-imputat Vella il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 18, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 270, 271, 278, 279, 280, 281, 41(1)(a), 325 u 334 tal-kap 9 u Art 7 u 9 tal-kap 446 u tqieghed lill-imputat taht ordni ta’ supervizzjoni ghal perjodu ta’ tlett snin.

Ghal dan il-ghan il-Qorti qed tinnomina lid-direttur tal-Probation Services sabiex jinnomina Probation Officer sabiex tkun tista tissorvelja lill-imputat.

Filwaqt illi qed tirrinvja l-atti lill-Avukat Generali ghal rigward tal-imputati Noel Grech u Stefano Caruana.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------